7 ta' Novembru, 1949

Imhallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nazzarenu Farrugia

**Teorija ta' "Res Ipsa Loquitur" — Provi.**

*Accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara mhabba negligenza ta' l-imputat milli ghal kawzi ohra.*

*F'kazi simili ssehh it-teorija ta' "res ipsa loquitur", li b'effett taghha fuq l-imputat jaqa' l-piz tal-prova, biex juri illi f'dak li gara huwa ma kellux htija.*

B'sentenza taghha tad-29 ta' Lulju 1949, il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Farrugia hati ta' danni involontarji bi hsara ta' Pawlu Zammit, u kkundannatu ghall-piena ta' ammenda ta' 5s.;

Dik il-Qorti rriteniet li l-kollizjoni li saret bejn it-taxi car misjuq mill-imsemmi Farrugia u l-motor car misjuq minn certu Zammit fit-18 ta' Gunju 1949, ghal xi s-sitta u nofs ta' filghaxija f'Birzebbuga Square, grat minhabba n-negligenza ta' Farrugia;

L-imputat appella;

Din il-Qorti reggghet semghet........... u rriflettiet;

Il-Magistrat fid-decizjoni tieghu osserva li dan hu kaz ta' "res ipsa loquitur". Infatti l-pozizzjoni taz-zewg vetturi filhabta turi li l-appellant kien qed jaghmel dik il-manuvra perikoluza li tigi espressa bil-frazi "cutting the corner" meta l-kantuniera tkun fuq il-lemin;

Issa l-fatti juru verament dan. X'inhi d-dottrina tar-"res ipsa loquitur"? Il-Qorti tal-Queen's Bench, fil-kawza "Cole v. Tradford" 1918, 2 Q.B. 523, iddefinietha hekk:— "This doctrine was stated to mean that an accident may by its nature be more consistent with its being caused by negligence for which the defendant is responsible than by other causes, and that in such a case the mere fact of the accident is 'prima facie' evidence of such negligence. In such a case the burden of proof is on the defendant, to explain and to show that it occurred without fault on his part";

Ghalhekk fil-kaz li qed jigi ezaminat il-fatti juru minnhom infushom tort ta' l-appellant "prima facie". Bil-provi li nstemghu mhux talli dan ma helesx minn dik il-htija li l-fatt

stess jixhet fuqu, imma anzi gie aktar korroborat l-assunt tar-responsabilità tiegħu; għaliex ix-xhud P.S. Xuereb, li kien got-light car ta' Zammit, biex wieħed juża l-kliem tax-xhud stess, "qata' l-kantuniera fil-qosor; kieku ma għamelx hekk, it-trouble ma kienx isir"; u x-xhud l-ieħor Leslie Pearce qal illi l-kolliżjoni ma kienetx tiġri kieku l-appellant ħa "a bit wider sweep";

Is-sentenza appellata għalhekk hi konfermata, u l-appell michud. Zmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.